KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 30 — Tlieta 23 ta' Marzu 2021

Il-Kunsilli Lokali Mosta jlaqqa' laqgħa tal-Kunsill li ser tinżamm online permezz ta' Microsoft Teams fis-6.00 ta' filgħaxija.

Segwew online permezz ta' Microsoft Teams:
Romilda B. Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier
Danny Farrugia-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI
Shirley Abela – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

MISTIEDEN:
Perit Daniel Tabone – DTRMS

Minuti
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma rċevietx ittri ta' apoloġiji.

30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 29
REF: 24.3.7 Kommunikazzjoni - PA/09958/18 Demolition of existing public convenience
Is-Sindku nfurmat li aktar tard ser jiltaqa' magħna il-perit tal-Kunsill, biex jagħmel *presentation* tal-proġett.

**REF: 26.3.14-Kommunikazzjoni - Kwotazzjoni Soft Areas**

Is-Sindku nfurmat li s-Segretarju Eżekuttiv bagħtet email bil-*feedback* mingħand il-konsulent tal-Kunsill. Is-Sindku qrat l-email li bagħat il-konsulent lil membri preżenti, fejn fost oħrajn ġie indikat li meta jerġa jinħareġ il-kuntratt is-*soft areas* jridu jkunu parti min-lista, u ma jridux jkunu inklużi mal-Parks and Gardens, skond id-direzzjoni li kienet ingħatat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Fis 6:08 daħlu għal-laqgħa il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Zerafa.

**REF: 26.3.15 Kommunikazzjoni – Belt Kulturali tas-Sena**

Il-Kunsillier Camilleri nforma li sar *draft* tal-proposta fejn fost affarijiet oħra hemm inkluż sports, ambjent u kultura. Il-proposta trid tiġi sottomessa sat-8 ta' April permezz tar-Reġjun, liema proposta qabel ma tiġi sottomessa trid tiġi diskussa mal-kumitat, fejn is-Sindku sejħet laqgħa għas-26 ta' Marzu fis-6:00pm.

**REF: 24.4.5 Kommunikazzjoni – Proġetti**

Is-Sindku nfurmat li l-kuntrattur ser jagħmel triq il-Bajtar, però mhux ser jkun qed jagħmel it-toroq l-oħrajn. Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet lil kuntrattur biex jibgħatilha bil-miktub biex jikkonferma u jagħtiha raġuni, ħalli mbagħad tibgħat lid-Dipartiment jekk hux il-każ li jitwaqqaf l-kuntratt u mmorru għat-tieni *bidder*.

Il-Viċi Sindku nforma li kellhom jsiru testijiet tal-materjal li qed jintuża, u jew il-kuntrattur m'għandux biex jaħdem jew il-Perit mhux qed isegwi biex jsir it-testjar neċessarju. Il-Viċi żied jgħid li k-Perit tal-Kunsill għamel żball għax talab lil-kuntrattur biex jsiru t-testijiet neċessarji, meta dan xogħol il-Perit biex jiċċertifika li l-materjal li qed jintuża huwa tajjeb u ta' kwalità.

Il-Kunsilliera unanimament qablu li jekk il-kuntrattur ser jibqa' jdewwem li jitkomplew ix-xogħol jridu jibdew jinħarġu d-*default notices*, u li tinħareġ *default notice* fuq triq il-Bajtar għax hawn għadu ma bediex bix-xogħol meta lis-Sindku informah li ser jkompli nhar l-24 ta' Frar.

**REF: 26.4.4 Kommunikazzjoni – CCTV Cameras ma l-ex Zamco**

Is-Sindku nfurmat li saret talba ma l-Enemalta biex jtuna permess inwaħħlu ma l-arblu tagħhom li jinsab eżatt fiż-żona fejn qed jintrema skart, però dawn ma tawnhiex permess.

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li reġgħet tkellmet mal-persuna li joqgħod hemm, u nformaw li sid il-kera talabhom biex il-kuntatt tiegħu ma jagħtuh lil ħadd. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat lil min qed joqgħod fil-post, biex tinforma lis-sid għalxiex il-Kunsill għandu bżonn jitkellem miegħu. Ħalliet in-numru tagħha mar residenta biex t'għaddieh lis-sid biex iċempilha.

Is-Sindku nfurmat li r-reġjun ser jagħtuna 3 kameras b'xejn inkluż l-installazzjoni tagħhom, u l-Kunsill jkun responsabbli mil-*maintenance agreement*. Is-Sindku nfurmat li kien ġie diskuss mal-membri biex żewġ kameras jitwaħħlu fil-pjazza, waqt li t-tielet kamera ssuġġeriet li titwaħħal fi Vjal Qalbiena Mostin.

Saret diskussjoni u ġie ssuġġeriet biex il-kameras jkunu għal ipparkjar u sewqan illegali, immonitorjati mil-LESA. Kompliet id-diskussjoni u l-membri preżenti unanimament approvaw biex inġiebu l-kameras mbagħad il-Kunsill jerġa jiddiskuti fejn ser jitwaħħlu.

Fis 6:50 daħal il-Perit Daniel Tabone biex jagħmel preżentazzjoni dwar il-proġett tal-*public toilets,* u saret sospensjoni ta' l-aġenda biex tinqara *item* 30.5.1 PA/09958/18 Demolition of Existing Public Convenience.

Fis 7:20 daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Rapa.

REF: 26.3.1-Kommunikazzjoni - Triq il-Parroċċa

Il-Viċi Sindku qasam il-pjanta (Appendiċi B) mal-membri preżenti u spjega li wara li saret il-konsultazzjoni pubblika applikajna ma Transport Malta fejn laqgħu t-talba, b'tibdil fit-tabelli, u talbu lil Viċi biex jibgħat *fresh application.*

Saret diskussjoni bejn Il-membri preżenti fejn ġie diskuss il-possibbiltà biex waħda mit-toroq tkun *one-way*, peress li t-toroq mhux wiesgħa biżżejjed li jgħaddu żewġ vetturi. Il-Viċi nforma li din ħa tkun aċċessibbli lir-residenti u sidien ta' garaxxijiet, u għalhekk mhux ser jkun hemm vetturi deħlin u ħerġin għax mix-triq imma *pedestrian zone.*

Il-Viċi kompla jgħid li talab *loading/unloading bay* għal ħwienet fi triq Kurat Schembri, u talab lista tal *loading/unloading bays* approvati li jinsabu fi triq Kostituzzjoni. Il-perit ta' Transport Malta talbet biex jekk hemm xi *loading/unloading bays* li mhumiex f'posthom jinżebgħu u jersqu fejn suppost.

Il-Kunsillier Cassar nforma li 2018 kienet ġiet quddiem il-Kunsill applikazzjoni biex tiżdied *loading/unloading bay,* u l-Kunsill ma kienx qabel għax ma jistgħux jkun kull ħanut jkollu *bay* quddiemu, u għalhekk kienet resqet *loading/unloading bay* biex jinqdew il-bżonnijiet ta' żewġt stabbilimenti. Il-Viċi nforma li quddiem il-Marfel u Karamellu doppji qegħdin il-*loading/unloading bays.*

Il-Viċi nforma li ser jġib il-pjanti min Transport Malta, u jitneħħew il-*loading/unloading bays*, li m'għandhomx permess, u jersqu dawk il-*loading/unloading bays,* li mhumiex immarkati fil-triq skont il-permess. Wara dan l-eżerċizzju, tersaq il-*bollard* li qegħda fi triq Kurat Schembri, għax qegħda l-ġewwa u trid tiġi mat-triq.

REF: 27.3.9 – Kommunikazzjoni – Servizz ta' Electrician u Contracts Manager.

Is-Sindku nfurmat li qegħdin tlett lokalitajiet u qed tistenna laqgħa mas-Sindki ta' Ħad-Dingli u Mġarr.

REF: 27.3.10 – Kommunikazzjoni – Tad-Dib u Wejda

Is-Sindku nfurmat li ġew approvati l-eżerċizzju li sar dwar *it-traffic management*, u l-Viċi żied jgħid li bagħat email ma Transport Malta biex jimplimentaw it-tabelli, però għad m'għandux risposta.

REF: 27.3.1 – Elezzjoni Każwali u Membru fil bord tal-Claims

Is-Sindku resqet lil-Kunsilliera Bonnici għal-approvazzjoni tal-Kunsilliera biex tkun membru fuq il-bord tal-Claims, biex tieħu post l-eks Kunsillier Howard, wara l-riżenja mil-kariga.

Il-membri preżenti unanimament approvaw lil-Kunsilliera Bonnici bħala membru fuq il-Bord tal-Claims.

**29.3.8 – Kommunikazzjoni PA/9711/19 - Post-approval arguments to be discussed for Council objection.**
Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill ppreżenta l-oġġezzjoni tiegħu fl-appell, kif wkoll l-Kunsill reġa' bagħat oġġezzjoni fuq tad-Dib PC0021/19, liema ittra ta' oġġezzjoni ġiet kondiviża mal-Kunsilliera waqt il-laqgħa.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 29.

**30.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku/Korrispondenza**

**30.3.1 – Kommunikazzjoni BOV Night Safe Deposit**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna notifika mil-BOV dwar bidliet fil-proċess tad-depożiti. Għalhekk talbet lil membri preżenti l-approvazzjoni biex tawtorizza lil Maxine Ebejer tapplika għal *internet key* biex tkun tista' jkollha aċċess għall-internet banking għall-proċess ta' depożiti, skont il-proċess il-ġdid tal-BOV li jidħol fis-seħħ f'April 2021.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**30.3.2 – Kommunikazzjoni – Ismijiet proposti għal triq minn taż-Żejfa li tagħti lejn l-Imġarr u dik ta' wara Mount St Joseph**
Il-Kunsillier Deguara flimkien mal-Kunsillier Camilleri pproponew l-isem triq ta' Piru għat -triq minn taż-Żejfa li tagħti lejn l-Imġarr, u l-isem triq ta' Srajġu għal dik ta' wara Mount St. Joseph.

**30.3.3 – Kommunikazzjoni – Proposal for Door to Door Collection of Recyclable Waste.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kull sentejn tintbagħat email liż-żewġ kumpaniji biex jissottomettu il-proposti tagħhom. Il-Kuntratt preżenti mal-GreenMT jiskadi f'Mejju u għalhekk tlabna għal-proposti lil-GreenMT u GreenPAK, fejn il-kumpanija GreenPAK infurmatna li mhux interessati, u rċevejna tal-GreenMT.

Is-Sindku nfurmat li jista' jkun li jkun hemm it-tielet kumpanija għal-ġbir ta' reċiklaġġ, u għalhekk tajjeb li nieħdu parir għax id-DLG nforma lis-Sindku biex il-kuntratti jiġu mġedda u fuq skart ma jinħarġux kuntratti ġodda, sakemm jinħareġ it-tender mir-Reġjun.

**30.3.4 – Kommunikazzjoni – Manholes minħabba flooding fejn il-ġibjun.**
Is-Sindku nfurmat li żaret is-sit fejn beda jsir ix-xogħol għal-*manholes*, fejn kienet saret spezzjoni flimkien mal-Viċi, l-*handyman* tal-Kunsill u l-kuntrattur.
Is-Sindku nfurmat li meta kienu fuq is-sit, il-Viċi ssuġġerixxa biex flok issir il-*catchment* tal-*manhole*, issir bħala *gutter.* Dan mhux *culvert* imma *gutter* mat-triq, biex flok tkun tappiera biss biex titnaddaf il-katusa, tkun tappieri miftuħa biex fija jaqa' wkoll l-ilma tax-xita.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**30.3.5 – Kommunikazzjoni - Tneħħija ta' Palma minn Triq il-Mitħna**
Is-Sindku nfurmat hemm palma fejn il-Mitħna tal-Musrun, fi triq il-Mitħna. Din il-palma qegħda perikoluża u ħierġa lejn it-triq. Għalhekk is-Sindku talbet għal-approvazzjoni tal-membri preżenti biex titneħħa.

Il-Kunsillier Cassar talab biex din titħalla sakemm jibda l-proġett ta' l-Ono. Muscat, u titneħħa min-nies tiegħu meta jibdew ix-xogħolijiet.
Il-membri preżenti unanimament approvaw, biex napplikaw ma l-ERA u titneħħa l-palma.

### 30.3.6 – Kommunikazzjoni – Siġra Triq il-Ħtajriet k/m triq il-Bażilika

Il-Viċi Sindku staqsa dwar siġra li qegħda tagħmel ħsara fi Triq il-Ħtajriet k/m triq il-Bażilika. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din il-materja ittellgħet f'waħda mil-laqgħat preċedenti, u kienet bagħtet email lil-Kunsill jekk jixtiequ li wara li titneħħa s-siġra, jsiru xi żewġ bankijiet.

Il-Kunsillier Camilleri kien ivverifika mal-Lands Authority li din iż-żona mhi ta' ħadd. Saret diskussjoni, u l-membri preżenti qablu biex titneħħa s-siġra, jsir *stencil paving*, żewġ bankijiet u xi *pot* jew tnejn. Il-Viċi Sindku nforma li ser jlesti disinn u jiċċirkola mal-membri tal-Kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex jibda l-proċess ħa titneħħa s-siġra.

### 30.3.7 – Kommunikazzjoni Lights Proposal Quote.

Is-Sindku nfurmat li fl-aħħar laqgħa il-Kunsillier Gatt ntalab jġib kwotazzjonijiet għal-*pedestrian lights* li jistgħu jeħlu ma l-art jew ma arblu.

Il-Kunsillier Gatt spjega li tkellem ma l-inġinier tal-WSC li qiegħed wkoll fis-sotto kumitat, u l-unika dawl li sabu, kien mingħand *supplier* wieħed biss peress li hu biss jġib dan it-tip ta' dawl li jixtieq jagħmel il-Kunsill. Il-Kunsillier Cassar qasam mal-membri preżenti ritratt tad-dawl (Appendiċi Ċ), u l-Kunsillier Gatt żied jgħid li r-rakkomandazzjoni hija li lis-strip tad-dawl jitwaħħal ma l-arblu u mhux ma l-art, biex ma titqattax it-triq, u anke minħabba x-xita.

Bħala kulur tiġi ħadra jew ħamra li jinbidlu skond id-dawl tal-*lights*, u b'żewġ metri tul. Fejn hemm *pedestrian crossings* mingħajr dawl, dawn jkunu b'istrippa ta' dawl abjad. Għal profil, strippa tad-dawl, PSU CV, *relay* u *relay socket* il-kwotazzjoni li rċevejna hija ta' €138.45 inkluż VAT.

Is-Sindku żiedet tgħid li ta' Vjal Qalbiena Mostin ħa tissolva fejn ħa titressaq proposta tal-Perit Testaferrata de Noto, fejn il-problema qegħda fil bidu tat triq.

Saret diskussjoni u l-Kunsillier Cassar nforma li minkejja li hija ideja innovattiva, l-mod ta' kif inhuma installati l-arbli, dawn jkunu l-ġewwa mil-vista tax-xufiera, allura bil-vetturi pparkjati, id-dwal jista' jkun li ma jkunux jidhru, u għalhekk il-*floodlights* tradizzjonali jkunu iktar effettivi. Il-Kunsillier Cassar kompla jgħid li l-istrippi ta' dawl jistgħu jitwaħħlu f'postijiet fejn ma jkunx hemm parkeġġ viċin tagħhom.

Il-membri preżenti approvaw biex jinġabu kwotazzjonijiet, għal *floodlights*, u jintgħażlu l-postijiet fejn jistgħu jsiru d-dwal bl-istrippi.

### 30.3.8 – Kommunikazzjoni- Cloud PABX

Il-Kunsillier Cassar nforma li għamel riċerka ma żewġ kumpaniji primarji li joffru servizz ta' PABX, bħala l-aħjar sistema ta' telefonija. Il-Kunsillier Cassar nforma li r-riċerka saret biex jkollna l-aħħar teknoloġija, u li telefon ta' l-uffiċju wieħed jista' jieħdu d-dar meta jsir xogħol *remotely*, b'sistema ta' *internet connection.*

Il-Kunsillier Cassar kompla jgħid li ntalbu żewġ stimi mil GO plc u Melita plc għax EPIC dan is-servizz ma joffruħx, fejn tal-Melita kienet l-irħas stima, u b'esperjenza s-servizz huwa tajjeb.
L-istima tal-Melita plc hija ta' *one-time fee ta'* €1,674.04 u €167.06 fix-xahar, waqt li l-GO plc l-istima hija iktar għalja għax ir-rata hija *per user per month*, u rata oħra *per minute* għal *fixed* u *mobile*, apparti wkoll hemm penali biex noħorġu mil-kuntratt eżistenti.

Il-Kunsillier Cassar nforma wkoll li l-benefiċċju ta' din is-sistema huwa li ħa toqtol il-problema ta' *complaints*.
Is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Cassar ftehmu biex ssir laqgħa mal-Melita plc, biex niddiskutu, anke minħabba l-proċess li jinvolvi għat-transizjoni mil-GO plc għal Melita plc.

**30.3.9 – Kommunikazzjoni- Proposta ta' mizuri tat-traffiku fi Vjal Qalbiena Mostin.**
Is-Sindku nfurmat li flimkien mal-Viċi Sindku ltaqgħu mal-Perit ta' Transport Malta Testaferrata De Noto, fejn l-ispejjeż tal-proposta ta' *traffic management* ħa tintrefa min Infrastructure Malta.
Il-Viċi Sindku qasam *online* mal-membri preżenti l-proposta (Appendiċi D) fejn ġiet spjegata, u saret diskussjoni.

Il-membri preżenti talbu lil Viċi biex jieħu ħsieb jikkomunika mal-Perit Testaferrata de Noto, fejn hemm bżonn *give-way* mil-pont sejjer għal Vjal Qalbiena Mostin, kif wkoll li l-linja tan-nofs ma tistax tkun sħiħa fejn hemm il-*cross overs,* għax kif inhi l-pjanta t-toroq li jagħtu għal Vjal Qalbiena Mostin, il-vetturi u tal-linja jridu jduru d-dawra, għalhekk fejn hemm *is-side roads* il-linji jridu jkunu *dotted*.

Is-Sindku, l-Viċi, u l-Kunsillier Cassar ftehmu biex jiltaqgħu, u jiddiskutu kif l-aħjar mod jsir il-ħruġ, u l-Viċi ppropona biex il-Kunsillier Cassar jlesti *draft*.

**30.3.10 – Kommunikazzjoni- One-Way System Triq San Paċifiku.**
Is-Sindku nfurmat, li laqgħa li jmiss tixtieq li jiġi diskuss biex triq San Paċifiku nikkunsidraw li ssir *one-way*.

**30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**30.4.1 Tal-Qares**
Il-Viċi qasam pjanta (Appendiċi E) online mal-membri preżenti, fejn kuntrattur ser jarma *tower crane* għal madwar sena u tlett xhur.
Saret diskussjoni u l-membri preżenti unanimament qablu biex terġa tittella' għad-diskussjoni waqt laqgħa separata mil-kumitat tal-Kunsill tat-traffic management.

Fis 9:10 l-Kunsilliera Bonnici talbet biex tiġi skużata mil-laqgħa.

**30.4.2 Tal-Qares**
Il-Kunsillier Cassar nforma li saret laqgħa dwar triq Durumblat minħabba li triq il-Mitħna kienet ser tispiċċa mingħajr dħul għal-Mosta, u sar qbil biex l-Kunsill jagħmel talba lil Infrastructure Malta biex issir *roundabout* quddiem triq il-Mitħna. Din it-talba saret diġà lil Infrastructure Malta u qed jaħdmu fuqha.

**30.4.3 Main Street**
Il-Kunsillier Cassar nforma li sakemm Main Street jsiru x-xogħlijiet meħtieġa, dħul lejn il-Mosta ser jkun min triq il-Kungress Ewkaristiku. Dawn ix-xogħolijiet f'Main Street ser jdumu ta' l-inqas madwar 9 xhur.

**30.4.2 Tal-Qares**
Il-Kunsillier Cassar nforma li saret laqgħa dwar triq Durumblat minħabba li triq il-Mitħna kienet ser tispiċċa mingħajr dħul għal-Mosta, u sar qbil biex l-Kunsill jagħmel talba lil Infrastructure Malta biex issir *roundabout* quddiem triq il-Mitħna. Din it-talba saret diġà lil

Infrastructure Malta u qed jaħdmu fuqha.

### 30.4.4 Stqarrija mid-DOI

Il-Kunsillier Cassar nforma li jinsab dizappuntat bi stqarrija li ħarġet id-DOI u li ħareġ l-Ono. Ministru Aaron Farrugia, meta ġie l-Mosta u qal li l-Mosta ħa tibbenefika min miljun Ewro fi 13 il-proġett. Il-Kunsillier Cassar nforma li lanqas jekk tgħodd il-proġetti li saru mit-2018 l'hawn ma jammontaw għal-miljun Ewro. Dawn it 13 il-proġett jammontaw għal madwar 600,000 Ewro.

Il-Kunsillier Cassar nforma li ma jistax jaċċetta din l-istqarrija, u tellagħha Kunsill qabel ma jagħti l-pożizzjoni tiegħu fuq din, u għalhekk talab rendikont lil-Kunsill fejn il-figuri huma dawn; sa qabel dawn it 13 il-proġett il-Kunsill ibbenefika min 50,000 Ewro għal CCTV's, niċeċ u fanali tradizzjonali li b'kollox ġew 49,655 Ewro.
Dwar il-proġetti li żdiedu kienu; triq Dun Mikiel Xerri, triq Charles J. Vassallo, Sqaq San Anton Abbati no. 3, Sqaq Xorxa Outdoor Gym u l-fanali tradizzjonali, fejn meta taqqad it-total kollu dan jiġu għal 520,265.30 Ewro.

Is-Sindku nfurmat li ħa titlob spjegazzjoni min fejn ġie l-miljun Ewro fi proġetti li saru li ssemmiet fl-istqarrija.

### 30.4.5 Tabelli Skola ta' Santa Monika

Is-Sindku nfurmat lil-Kunsillier Micallef, li talbet lil TM is-Sur Tommy biex jiltaqa' magħha *on-site* peress li ma qabilx mat-talba tal-Kunsill. Għalhekk malli jagħtiha appuntament ħa tinforma lil-Kunsilliera Cassar u Micallef, biex jekk jistgħu jattendu magħha.

Fis 9:20 l-Kunsilliera Zerafa talab biex jkun skużat mil-laqgħa, imma qabel ma telaq is-Sindku nfurmat lil-Kunsillier Zerafa li x'taqet tkellmu. Is-Sindku nfurmat li hi ma titlobx lil *handyman* tal-Kunsill biex jmur jagħmel affarijiet mitlubin minnha mingħajr ma jimxi mal-proċeduri tal-Kunsill. Is-Sindku dejjem talbet lil-*handyman* tal-Kunsill biex jimxi mal-proċeduri tal-Kunsill, kif wkoll meta xi-residenti jitolbuha xi ħaġa, hi dejjem tibgħathom l-Kunsill biex jimxu mal-proċessi tal-Kunsill.

Saret diskussjoni dwar kaxxi li jista' jkun inzebbħu bla permess, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li lis-staff u l-*handyman* tal-Kunsill kollha jafu li ma jistgħux jsiru xogħolijiet, tkun xi tkun it-talba mingħajr permess u mingħajr ma jimxu mal-proċeduri. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dawn l-affarijiet ma tittolleraħomx, u talbet lil membri preżenti li jekk jsiru jafu b'xi nuqqas jew jkollhom xi dubju, jibgħatu mil-ewwel lilha ħalli tivverifika, u jekk jkun minnu tieħu l-passi neċessarji.

### 30.4.6 Bandli taż-Żokrija u Parkour Blata l-Għolja

Il-Kunsillier Gatt staqsa meta ser jitkompla l-proġett tal-bandli taż-Żokrija, u Parkour fil Blata l-Għolja. Is-Sindku nfurmat li għanda qed nistennew li jiġi iffirmat l-kuntratt mal-Planning Authority.

### 30.4.7 Ġebel fi Ġnien Għarusa tal-Mosta

Il-Kunsillier Gatt nforma li kien bagħat email fuq ħajt li hemm mwaqqa' fuq ġewwa tal-ġnien ftit il-fuq mit-teatru l-grieg. Il-Viċi nforma li rridu navżaw ir-*restoration unit*. Il-Kunsillier Cassar nforma li l-ġebel mhumiex parti mil Victoria Lines, għax ilu hemm min qabel ma sar il-proġett u għalhekk ma jistax jissewwa l-Victoria Lines b'dak il-ġebel.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex jitneħħa l-periklu.

30.4.8 Triq fi Triq il-Bufula l-Ħamra

Il-Kunsillier Deguara staqsa dwar trejqa fejn ir-*roundabout* tas-Subaru li l-Kunsill kien iddiskuta waqt waħda mil-laqgħat tal-Kunsill preċedenti. Il-Viċi nforma li l-Kunsill kien qabel li kif jlesti l-kuntrattur mil-*manholes*, li jrid jiftaħ għal-*overflow* tal-ġibjun, wara din it-triq tingħata l-konkos.

30.5 Rapporti

30.5.1 PA/09958/18 Demolition of existing public convenience

Il-Perit Tabone ippreżenta lil membri preżenti l-pjanti u d-diżinji li qed jiġu annessa mal-minuti bħala appendiċi A, tal-proġett tal-*public convenience*.

Il-membri preżenti unanimament approvaw id-diżinji tal-proġett.

30.6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

30.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 114.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 24 ta' Frar 2021 sat-23 ta' Marzu 2021.

30.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

30.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

30.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-*petty cash* li tkopri x-xahar ta' Frar 2021. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

30.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:50 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għas-20 ta' April 2021 fis-6:00pm. Konfermati llum 23 ta' Marzu 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |